*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 24 – 26 ta' Novembru 2025**

***Minuti tal-erbgħa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-26 ta' Novembru 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 24. Il-laqgħa bdiet fis-6:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

24.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti ta' laqgħa ġew approvati unanimament wara proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi, sekondata mill-Viċi-Sindku Joseph Agius.

24.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsilliera li ix-xogħlijiet fuq il-Community Hub fuq il-binja minn ġewwa issa bdew.
- Dwar il-post vakanti li hemm għall-clerks, saru interviews però ħadd ma kkonferma li jixtieq jibda.
- Dwar il-bozoz fit-toroq, is-Sindku nforma lill-Kunsill l-bozoz li qed jkunu bil-ħsara, u qed jinbidlu għall-bozoz LED mill-ewwel, Suppost 'il quddiem dawn il-bozoz ser jingħataw mill-Enemalta.

24.3 Laqgha tal-Lokalita

Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita ser issir fl-4 ta' Diċembru fis-6:30pm. Ser issir preżentazzjoni tax-xogħol li sar u l-prijoritajiet għall-xogħlijiet. Ġew mistednin il-community police sabiex jattendu.

24.4 Zona Għarram

F'din iz-zona hemm kemm l-aspett kummerċjali kif ukoll dak residenzjali. Għandha tingħata aktar importanza lill-bon ordni u l-indafa. Ser isiru laqgħat għar-residenti ta' kull triq fiz-zona. F'din iz-zona hemm problema kbira ta' parking. Ser jingħataw dati ta' dawn il-laqgħat aktar tard.

24.5 Milied

Ser isiru zewġ attivitajiet tat-tfal kif ukoll tal-anzjani fl- 20 ta' Diċembru u fis-27 ta' Diċembru sussegwentement.

L-armar tal-Milied beda jintrema u t-toqob ta' Triq Mikielang Sapiano bdew jsiru. Sas-6 ta' Diċembru, id-dawl ser jinxtegħel. Ser ikun hemm ukoll sound baxx fil-pjazza b'mużika relatat mal-Milied.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsilliera li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva d-direct order għax-xiri ta' dan l-armar tal-Milied li kien jammounta għal Eur35,000 plus VAT.

Is-Sindku fakkar li fit-13 ta' Diċembru 2025 ser ikun hemm kor li se jdur f'diversi kappelli f'Ħaż-Żebbuġ, filwaqt li fil-21 ta' Diċembru 2025 ser issir pjazza pedonali. Nhar il-Milied ser issir ikla bla ħlas lil dawk li jħossuhom waħedhom.

24.6 Attivitajiet Kultura 2026

Is-Sindku Steve Zammit Lupi fakkar li għas-sena 2026 terġa issir edizzjoni oħra taż-Ziffa taż-Żebbuġ, kif ukoll wirja taż-żwiemel fix-xahar ta' Mejju.

24.7 Vot tal-Flus

Is-Sindku Steve Zammit Lupi talab li jkun nklużi dawn il-pagamenti:

Nazzareno Agius – Tisqija għal April – Eur1860
Nazzareno Agius – Tindif f'Wied Baqqiegha – Eur1650
Rita Xuereb – Tindif fit-12 ta' Mejju
Micamed Ltd. – Christmas Decorations – Eur41,300

Fuq proposta tas-Sindku,sekondata mill-Kunsillier Mario Attard, il-vot tal-flus kien approvat unanimament.

24.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fit-9:15pm.

**Steve Zammit Lupi** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

,